GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 3 ta' Mejju 2023 **Ref:** DLAP 102/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Network tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat u Kapijiet ta' Entitajiet

**Mingħand:** George Mifsud, Doreen Coleiro, Carlston Grima u Stephan Borg, L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett**: Linji Gwida għall-Eżami Annwali tal-Orali fil-Malti tad-9 Sena għal Ġunju 2023

---

Il-kapijiet tal-iskejjel sekondarji tal-istat huma mitluba biex, jekk jogħġobhom, jgħaddu din l-informazzjoni lill-għalliema tal-Malti u lill-membri tat-tmexxija tal-iskola li jieħdu ħsieb l-eżamijiet annwali fl-iskola tagħhom.

**LINJI GWIDA GĦALL-EŻAMI ORALI TAL-MALTI FID-9 SENA, 2023**

**A. L-eżami orali tal-Malti se jkun fih:**

1. test li fuqu ssir **diskussjoni** bejn l-għalliem/a u l-istudent/a, mibnija fuq mistoqsijiet diretti u/jew miftuħa, madwar 5 b'kollox, fejn l-istudenti jintalbu jesprimu l-fehmiet tagħhom u joffru alternattivi oħra għal dak misjub fit-test. Ma jsir l-ebda qari mgħajjat mill-istudent quddiem l-eżaminatur.
2. **diskussjoni** fuq tema mogħtija li tista' tkun titlu waħdu, inkella titlu megħjun bi stampa, li jkunu marbuta b'mod wiesa' mas-suġġett/tema ġenerali tal-eżami.

Il-karta tal-għalliema se tinkludi l-istruzzjonijiet kollha li jridu jintużaw waqt dan l-orali biex tkun garantita l-uniformità u l-validità tal-eżami.

**B. Il-proċedura kif jiġi amministrat l-orali.**

1. L-eżami jieħu b'kollox bejn 8 u 10 minuti, imma qabel jeħtieġ ikun hemm bejn 8 u 10 minuti oħra bħala ħin ta' tħejjija.
2. Se jkun hemm karti tal-eżami differenti għall-istudenti li qed isegwu livelli differenti tas-sillabu, jiġifieri se jkun hemm żewġ karti tal-eżami għal livell 1-2 u żewġ karti oħra għal-livell 2-3.
3. Qabel l-eżami, l-istudenti **jingħataw (mhux jagħżlu)** karta tal-eżami u wara jmorru f'post kwiet biex jippreparaw ruħhom skont l-istruzzjonijiet li jkun hemm fuq il-karta tal-eżami.
4. **L-istudenti għandhom jingħataw karta żgħira oħra biex fuqha jniżżlu xi noti li jgħinuhom fit-taħdita waqt l-eżami.**

5. L-istudenti jingħataw bejn 8 u10 minuti biex jippreparaw għad-diskussjoni. Għall-ewwel diskussjoni fuq it-test, l-istudenti se jkollhom il-mistoqsijiet fuq il-karta tagħhom iżda għat-tieni waħda se jkollhom biss it-titlu u /jew l-istampa.
6. Xejn m'għandu jinkiteb fuq il-karta tal-eżami tal-istudent.
7. L-eżaminaturi jistaqsu l-mistoqsijiet fuq it-test moqri u jidħlu f'diskussjoni mal-istudenti. Għandhom jiġu aċċettati punti di vista differenti sakemm l-istudenti jargumentaw tajjeb u bis-sens.
8. It-tieni diskussjoni wkoll għandha tkun marbuta mat-tema tal-qari b'mod ġenerali u għandha tkompli tespandi fuq dak li jkun intqal/inqara. L-istudenti jistgħu jirreferu għall-qari tat-test fil-karta biex isaħħu l-argumenti tagħhom. L-eżaminaturi se jkollhom spunti f'forma ta' mistoqsijiet biex jgħinu lill-istudenti meta jieqfu jew jinxfu mill-ideat.

**Noti oħra importanti**.

1. Se jkun hemm 2 karti tal-eżami differenti għal kull livell biex jintużaw waħda kuljum f'każ li xi skejjel jaqsmu l-eżami fuq jumejn.
2. Il-Kapijiet tad-Dipartiment se jindikaw liema karti jinħarġu fl-ewwel jum u liema jinħarġu fit-tieni jum. Dan biex inħarsu l-validità tal-eżami.
3. It-testi magħżula se jkollhom temi li jolqtu l-interessi tal-istudenti filwaqt li jkunu sensittivi għall-ambjent u l-klassi multikulturali li nsibu fl-iskejjel.
4. Uħud mill-mistoqsijiet fuq it-test se jkunu miftuħa kemm jista' jkun u ma jeħtiġux tweġiba diretta misjuba mit-test.
5. Mistoqsijiet se jkun hemm minn 3 sa 5 imma l-eżaminaturi għandhom jiggwidaw lill-istudenti jiftħu l-argument u jżommu mal-ħin indikat għal kull taqsima tal-eżami.
6. It-tieni diskussjoni tista' tkun fuq titlu waħdu jew titlu flimkien ma' stampa, li jista' jkun fiha cartoons jew karikaturi li jinftiehmu u jappellaw għall-maturità tal-istudenti.
7. Se jkunu pprovduti l-iskema tal-marki u dokument għaż-żamma tal-marki tal-istudenti.

L-għalliema u l-amministraturi tal-eżamijiet li jixtiequ jiċċaraw jew jiddiskutu xi punti minn dawn il-linji gwida, jistgħu jkellmu lill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti li jieħu ħsieb il-Kulleġġ tagħhom.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Is-Sa Sandra Ebejer**

**Id-Direttriċi,**
**Id-Direttorat għall-Programmi tat-Tagħlim u l-Assessjar**